Minuti tat-2 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar It-Tlieta 4 ta' Awissu, 2009. Il-laqgha nbdiet hin 5.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

### 1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-1 laqgha.

1.1 Il-Minuti tal-ewwel laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

### 2. Tqassim ta' karigi lill-Kunsilliera.

2.1 Is-Sindku elenka lista ta' oqsma kif qed jipproponi li jkunu delegati lil kull Kunsillier. Gie spjegat illi il-karigi huma karigi ta' rapprezentanza u li ma jintitolawx lil xi membru tal-Kunsill milli jiehu decizjonijiet. Id-decizjonijiet iridu ikunu diskussi u approvati waqt il-laqghat tal-Kunsill.

2.2 Il-karigi kif proposti mis-Sindku u elenkati hawn taht gew approvati unanimament:-

**- David Apap**

- Council Finance/ Works/ Projects
- European Union relations/ projects
- Sport/ Tourism/ Culture/ Heritage
- Health
- Publications/ PRO

**- Raymond Cassar**

- Environment awareness
- Rural development improvements
- Agriculture activity
- Substitute member local enforcement joint committee
- Substitute member street naming committee

**- Lisa Marie Brooke**

- Substitute Health and Safety awareness
- Cleansing and Waste Management
- Preparation/ proposal/ plan of Bylaws
- Sponsors

**- Manuel Muscat**

- Transport
- Traffic management
- Alternative energy projects
- Climate Change Strategy projects

**- Carmen Vella**

- Family Policy
- Youth/ Child caring/ activities
- Elderly caring/ activities
- Education

**3. Estimi Finanzjarji 2009-2010.**

3.1 L-estimi finanzjarji 2009-2010, ga approvati mill-Kunsill precedenti gew spjegati ghall-beneficcju tal-membri il-godda, fejn kopja taghhom inghatat lil kull membru. Gie spjegat illi saru emendi mill-estimi originali kif gej: kien hemm tnaqqis fis-sezzjoni tad-dhul fejn inbidel l-ammont ta' kofinanzjament mill-Gvern Centrali fuq il-progett ta' Wied il-Mielah peress illi issa il-Kunsill ircieva il-konferma ta' kemm ser ikun dan l-ammont. Fis-sezzjoni tan-nefqa zdiedet is-somma ta' €2500 taht il-vot ta' komunita' u ospitalita' minhabba il-gemellagg approvat Comunita' Collinare Colli Tortonesi / Veglie li ser isir f'Awissu, 2009. L-estimi kif emendati gew approvati unanimament.

**4. Jum l-Gharb 2009 u 5. Town-twinning citizens meeting fl-Gharb 27 Awissu – 1 Settembru.**

**4.1** Il-Kunsill iddiskuta punti 4 u 5 tal-Agenda flimkien peress li huma relatati.

**4.2** Il-Kunsill qabel li ghandu jipprovdi akkomodazzjoni, transport gewwa Malta u ikel lid-delegazzjonijiet minn Veglie u Comunita' Collinare Colli Tortonesi waqt iz-zjara taghhom gewwa Malta. Il-vjaggi tal-ajru bi qbil maz-zewg lokalitajiet ser jithallsu mil-lokalitajiet innifishom.

**4.3** Dwar akkomodazzjoni ghall-grupp tal-gemellagg il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghal applikazzjonijiet fil-lokalita' ghal dawk il-persuni registrati li huma interessati li joffru postijiet ta' akkomodazzjoni. Il-prezz gie stabbilit mill-Kunsill u huwa dak ta' €9.32 kull persuna kull lejl. L-applikazzjonijiet ser

jintlaqghu fuq bazi ta' first come first served. Il-Kunsill ser izomm id-dritt li jaghmel *quality checks* biex jara illi l-postijiet li ser jinkrew huma ta' livell tajjeb.

4.4 Il-Kunsill iddiskuta il-programm tal-permanenza tad-delegazzjonijiet. L-iffirmar tal-gemellagg ser isir f'Jum l-Gharb li ser jigi iccelebrat is-Sibt 29 ta' Awissu b'serata kulturali u li matulha ser isir ukoll l-iffirmar. Kien hemm qbil li possibilment iz-zjara tal-postijiet ta' interess storiku u kulturali gewwa Malta ghandha ssir fil-gurnata tat-tluq tad-delegazzjonijiet sabiex ma jkunx hemm spejjez doppji tal-vapur. Kien hemm qbil ukoll illi il-Gimgha 28 ta' Awissu, 2009 id-delegazzjonijiet ser jippartecipaw fl-ikla tal-komunita' li ser issir mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tigi organizzata attivita sportiva li fiha jippartecipaw zaghzagh mill-Gharb u possibilment tkun organizzata mill-Gharb Rangers flimkien mil-lokalitajiet mistiedna. Is-Sindku ippropona illi il-Hadd 30 ta' Awissu tigi mtellgha show ta' muturi fil-Pjazza bhala parti mill-attivitajiet ta' Jum l-Gharb u tal-gemellagg. Raymond Cassar ser jistaqsi lir-rapprezentanti tal-ghaqda tal-muturi dwar din il-proposta.

4.5 Fir-rigward ta' ikel ghad-delegazzjonijiet mistiedna, il-Kunsill qabel li ghandu jgib kwotazzjonijiet minghand il-Mina Restaurant.

4.6 Dwar nominazzjonijiet relatati mal-premjijiet li jinghataw f'Jum l-Gharb il-Kunsill qabel li ghandha tintbaghat l-ittra ta' stedina lill-ghaqdiet lokali biex jissottomettu in-nominazzjonijiet taghhom. Is-Sindku issuggerixxa illi kif isir f'lokalitajiet ohra ghandu jinhatar bord tal-ghazla li jaghmel ir-rakkomandazzjoni tieghu lill-Kunsill dwar lil min ghandhom jinghataw il-premjijiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jkun hemm screen li juri il-video tal-festa waqt is-serata ta' Jum l-Gharb. Ghandhom jigu ikkuntattjati wkoll l-ghalliema tal-ballet fejn jattendu ghadd ta' studenti mill-Gharb biex jigu mistiedna jtellghu show ta' zfin.

**5 Progett ta' Wied il-Mielah ERDF 022 u xogholijiet ohra.**

5.1 Is-Sindku spjega illi il-kuntrattur ir-Road Construction Co. Ltd. qieghed jaghmel xogholijiet ta' skavar u tindif tal-Wied. Gie spjegat illi wara li kienu inhargu l-offerti Paul Curmi kien inhatar project manager filwaqt li il-Perit Edward Scerri kien inhatar konsulent tekniku fuq il-progett ERDF022.

5.2 Gie spjegat illi l-hitan tas-sejjieh kienu divizi fi tliet kategoriji – il-hitan imwaqqghin, hitan li waslu biex jaqghu, u hitan f'kundizzjoni tajba. Filwaqt li fl-ewwel fazi sar hafna xoghol mill-ewwel kategorija issa ix-xoghol qed jitkompa bil-possibilita' li jsiru xogholijiet fuq it-tieni kategorija ukoll.

5.3 Ghandha tigi ppublikata wkoll il-kwotazzjoni tas-security cameras biex dawn ikunu jistghu jigu installati f'kull tarf tal-Wied. Ser ikun hemm tabelli li jindikaw li l-zona

5.4 hija protetta b'kameras. Il-kameras ser ikunu joperaw permezz tal-internet u ser ikunu linked.

5.5 Gie spjegat illi l-progett jinkludi wkoll l-installazzjoni ta' kiosk ta' informazzjoni, kif ukoll ir-restawr tat-tarag li jaghti ghall-bahar u biex isir railing tieghu. Il-Kunsill qabel li dawn il-kwotazzjonijiet/offerti ghandhom jinhargu.

5.6 Is-Sindku spjega illi l-permess tal-MEPA sabiex jinbnew il-bridges u l-valley dams ghadu ma harigx. Gie spjegat li fl-applikazzjoni gew inkluzi l-installazzjoni ta' annimali indigeni.

5.7 Gie spjegat illi l-fondi li hemm allokali ghar-resurfacing tat-triq ser jintuzaw sabiex isir resurfacing tat-triq mill-barumbara 'l isfel. Ix-xogholijiet mill-barumbara 'il fuq ser isiru mill-WSC. Il-Kunsill qed izomm lill-kuntrattur tal-WSC responsabbli minn xi hsarat li jistghu isiru fix-xogholijiet ga maghmula mill-Kunsill f'Wied il-Mielah. Is-Sindku spjega illi l-Ministru Austin Gatt gie involut fin-negozjati mal-WSC peress illi dawn ta' l-ahhar kienu qed jergghu lura mill-ftehim milhuq originarjament illi jinghata resurfacing min naha sa ohra tat-triq minn fejn tghaddi it-trinka tal-master plan.

5.8 Is-Sindku spjega illi il-Project Management Team qed jipproponi illi jekk ikun hemm fondi zejda ghandu jitlob lill PPCD illi dawn jintuzaw biex isiru gates fl-entraturi tal-eghlieqi. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.9 Gie spjegat illi l-progett jinkorpora ukoll website dwar Wied il-Mielah u wara li inhargu il-kwotazzjonijiet ix-xoghol fuq il-website qed isir minn Ivan Cauchi.

5.10 Il-Kunsill iddiskuta il-country walk li wkoll tifforma parti mill-progett ta' Wied il-Mielah. Gie diskuss il-fatt illi jekk ser ikun hemm postijiet fejn il-mixja ser tghaddi minn go art tal-privat ghandu jittiehed il-kunsens ta' sid l-art jew inkella prefereibilment tinbidel ir-rotta.

5.11 Is-Sindku ippropona illi l-Kunsill ghandu jkollu souvenir tieghu. Il-Kunsill qabel ma din l-idea u qabel ukoll li jekk jista' jkun l-oggett ghandu jkun ta' artigjanat li jsir gewwa l-Gharb. Gie deciz li dan is-suggett ghandu jkun diskuss aktar fid-dettall f'laqgha ohra bil-possibilita' li ssir kompetizzjoni ghad-dizinn ta' dan is-souvenir.

5.12 Carmen Vella staqsiet dwar il-proposta/applikazzjoni tal-MEPA ta' shooting range li kienet saret minn terzi persuni ghaz-zona ta' Wied il-Mielah. Is-Sindku spjega illi dan il-progett gie abbandunat.

5.13 Is-Sindku spjega illi fil-prezent il-haddiema assenjati mal-Kunsill qed jahdmu fuq rampi u bankini fi Triq San Pietru. Ma dan ix-xoghol qed issir ukoll xoghol iehor relatat mal-gound tal-football.

5.14 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni li wara li inghata it-tarmak fi Triq San Pietru sar xi konkos fil-genb tat-triq u ssuggerixxa illi t-triq kollha issir hekk. Is-Sindku spjega illi dan sar mir-residenti privati. Il-Kunsill ma qabilx li dan ghandu jsir konkos min naha tieghu fil-kumplament tat-triq.

## 6 Xoghol fil-kumpless sportiv u 'playing field'.

6.1 Is-Sindku spjega illi illum hemm problema peress illi l-ilma tax-xita qed jidhol goc-changing rooms. Is-Sindku spjega illi qed iressaq ittra minghand il-Perit Carmelo Borg u stima dwar ix-xogholijiet ta' manutenzjoni proposti li jsiru fejn il-Perit qed jissuggerixxi li jsir membrane gdid u raised roofing.

6.2 Gie deciz illi l-Perit Borg ghandu jigi inkarigat jipprepara l-ispecifikazzjonijiet sabiex tkun tista' torhog l-offerta ghax-xoghol mehtieg u jinkludi zewg tipi ta' membrane li huma dak normali u il-liquid membrane flimkien mal-garanzija moghtija fuqhom.

6.3 Tressqu fuq il-mejda il-pjanti approvati tal-playing field li ghandu jsir fl-arja ta' ma genb ic-changing rooms u showers. Is-Sindku spjega illi l-idea hija illi il-hamrija ezistenti tibqa kif inhi filwaqt li jsiru il-pedamenti u tinbena l-istruttura. Is-Sindku spjega illi l-Kunsill tefgha applikazzjoni ghall-fondi specjali biex ikun jista' jsir il-playing field u jsir il-ground bit-turf, liema applikazzjoni ghadha qed tigi evelwata. Il-Kunsill qabel illi meta jkun hemm fondi allokati dan il-progett ghandu jsir.

6.4 Is-Sindku spjega illi l-Kunsill kien inghata €2900 sabiex isir progetti ta' pannelli foto voltaici fuq il-bejt tal-Kunsill. Peress li dan il-progett originarjament kien jiswa €10,000 il-Kunsill ghandu jaghmel talba sabiex dawn l-€2900 ikunu jistghu jintuzaw ghall-progett tal-playing field biex dan ikun jixghel permezz ta' energija solari. Il-Kunsill qabel unanimament. Emanuel Muscat responsabli mil-energija alternattiva ghandu jesplora x'possibilitajiet hemm u irraporta lura lis-sindku.

6.5 Tpoggew fuq il-mejda u gew spjegati il-pjanti sottomessi lill-MEPA fl-applikazzjoni ghal outline development permit tal-kumpless sportiv fi Triq Tumas Cassar. Il-Kunsill qabel mal-principju ta' dan il-progett li jista' jsir biss jekk il-Kunsill jakkwista fondi addizzjonali. Gie spjegat illi kienet saret applikazzjoni ghall-fondi ewropej ghal dan il-progett izda din ma kinitx approvata minhabba ko-finanzjament.

6.6 Lisa Marie Brooke staqsiet dwar il-parti l-gdida ta' Triq il-Vizitazzjoni jekk huwiex fil-pjan li din issir. Is-Sindku spjega illi biex issir din it-triq triq issir esproprjazzjoni li trid tithallas mill-Kunsill.

**Pagna 6 Minuti tat-2 laqgha**

6.7 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar xogholijiet fil-ground tal-futbol fejn din il-gimgha ser jinghata iz-zrar u jsiru il-gates. Is-Sindku spjega illi l-gates bdew isiru mill-haddiema assenjati mal-Kunsill, filwaqt li x-xoghol tat-twittija qed issir minn Road Construction.

6.8 Il-Kunsill qabel illi malli jkunu lesti x-xogholijiet fil-ground tal-futbol dan ghandhu jigi inawgurat u issir irhama gdida bl-istess isem ta' qabel Perit Wigi Portelli. Il-Kunsill iddiskuta jekk fadalx xi familjari ta' Perit Wigi Portelli li ghadhom hajjin.

6.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar is-servizz tal-knis u gie deciz illi dan is-servizz ghandu jigi diskuss sabiex ikun imtejjeb peress li m'hemmx bizzejjed kenniesa.

**7 Approvazzjoni ta' hlasijiet.**

7.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**8 u 9. Korrispondenza u materji ohra.**

Giet trattata il-korrispondenza segwenti:-

8.1 Minghand Jan Wilson talba ghal ghajnuna fir-rigward ta' ezebizzjoni bl-isem 'Masks and Mirrors: Illusion and reflections' li ser tittella gewwa Cittadella. Il-Kunsill ma qabilx li jaghti ghajnuna peress li l-esebizzjoni mhijiex ser issir gewwa il-lokalita'.

8.2 Mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fir-rigward ta' opportunita' sabiex isir taghlim tal-*Cricket* gewwa il-lokalita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-Cricket Association biex jorganizza dan it-taghlim gewwa il-lokalita'.

8.3 Kwotazzjoni minghand Strand Electronics Ltd ghat-tiswija tal-*photocopier* ghall-ammont ta' €150 minghajr VAT u minghajr ic-charge tax-xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir it-tiswija mehtiega.

8.4 Mill-ETC fir-rigward ta' inizjattiva gdida ta' programmi ta' tahrig bl-isem *Employability Programme.* Il-Kunsill qabel li jikkuntattja lill ETC biex jorganizza dawn il-programmi ta' tahrig fil-lokalita'.

8.5 Mill-Meusac fir-rigward ta' Roadshow li ser issir f'kull rahal madwar Malta u Ghawdex fejn ser jigi moghti diversi informazzjoni dwar attivitajiet ta' l-Unjoni Ewropeja. Fl-Gharb din ser tinzamm nhar id-19 ta' Awissu, 2009 fuq iz-zuntier ta' Pinu.

8.6 Mid-Dipartiment ta' l-Anzjani fir-rigward tal-Premju Anzjan tas-Sena 2009. Il-Kunsill qabel li jinnomina lil Gorg Mifsud.

8.7 Mid-Direttorat ghat-Taghlim tul il-Hajja fir-rigward ta' Korsijiet fil-Litterizmu Baziku. Il-Kunsill qabel li johrog avviz ghar-residenti interessati f'dan it-taghlim.

8.8 Press Release fir-rigward tal-Kalendarju Kulturali Ottubru – Dicembru, 2009.

8.9 Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali:
Approvazzjoni tal-Gemellagg bejn il-Kunsill Lokali Gharb u Comunita' Collinare Colli Tortonesi u Veglie, Italja.
Memo 42/2009 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010.
Pooling tal-haddiema IPSL.
Kuntratt dwar il-gbir ta' skart organiku.
Sezzjoni ta' informazzjoni dwar il-kuntratt il-gdid tal-gbir ta' l-iskart organiku. Is-Sindku stieden lil Lisa Marie Brooke tattendi ghal din il-laqgha u il-korrispondenza relatata ser tintbaghat lilha permezz tal-email.
Memo 45/2009 – Pubblikazzjoni ta' Avviz Legali Regolamenti ta' l-2009, li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Ipparkjar Kontrollat (Residenzjali u Kummercjali)
Memo 41/2009 – Programm URBACT taht l-ERDF.

8.10 Minghand Carmelo Grima fir-rigward tad-Direttorju Elettroniku ghal Ghawdex.

8.11 Mill-KIP Ghawdex:
Skips on Wheels fil-lokalita'. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-bins on wheels fil-lokalita' u qabel li hemm problema li trid tigi indirizzata peress li dawn jew ma jintuzawx tajjeb mir-residenti kif ukoll jaghtu lok ta' rimi madwarhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkunsidra li jinvesti jew fi skips li jipprovdi ghall-iskart separat jew inkella li jintroduci sistema ta' moniteragg permezz ta' cameras. Gbir ta' Skart nhar Santa Marija ser issir il-Hadd 16 ta' Awissu.

8.12 Mill-MEPA:
Applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp – PA2779/09, PA2986/09, PA2926/09, PA3150/09 u PA3151/09.
Avviz ta' Infurzar – ECF752/09.

8.13 Minghand Odette Camilleri li talbet hlas ta' €150 ghad-dizinn u ghajnuna fil-preparazzjoni tal-Infiorata fil-5 ta' Lulju fl-Gharb. Il-Kunsill wara diskussjoni qabel unanimament li peress li din is-sena kien hemm zewg persuni involuti fl-Infiorata Odette Camilleri li hejjiet id-disinn u Michael Bajada li pittirha fuq it-tapit dawn ghandhom jinghataw €60 kull wiehed. Il-Kunsill wasal ghal din id-decizjoni peress illi fis-sena precedenti Ruben Camilleri illi volontarjament

ghamel l-Infiorata ghal diversi snin kien inghata is-somma ta' LM50 bhala rikonoxximent tas-servizzi tieghu. B'mod ekwivalenti il-Kunsill hass li ghandu jaqsam din is-somma bejn iz-zewg persuni involuti din is-sena.

8.14 Il-Kunsill qabel ukoll illi ghall-futur ghandu jinvolvi ghaqda lokali biex tiehu hsieb l-organizzazzjoni tal-Infiorata. Il-Kunsill qabel ukoll li tkun idea tajba li titnieda kompetizzjoni ghat-thejjija tad-dizinn.

8.15 Il-Kunsill iddiskuta problema ta' grieden fi Triq il-Madonna tal-Virtu fejn din ghandha tigi irrappurtata lis-sanita' biex jitfghu it-tosku fl-eghlieqi tal-inhawi milquta.

8.16 Is-Sindku ppropona illi l-Kunsill jorganizza festival marbut mal-produzzjoni tal-gbejniet lokali li jkun jinkludi kompetizzjoni dwar l-akbar gbejna lokali li tinhadem dak il-hin. Il-Kunsill qabel mal-idea li ghandha tkun diskussa f'aktar dettall.

8.17 Mill-Caritas fir-rigward ta' proposta ghall-progett ta' l-EU.

8.18 Mill-Malta Communications Authority kuntratt dwar skema ta' installazzjoni ta' Wi Fi f'postijiet pubblici. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jippartecipa f'din l-iskema. Il-Kunsill gie infurmat bil-progett Wdcnet li ha sehem fih il-Kunsill li permezz tieghu kienu inghataw 3 punti WI-FI li qed ikopru il-Pjazza, Ta' Dbiegi u c-Centru Parrokkjali.

8.19 Minghand Jon David fir-rigward ta' prodott gdid ghall-Milied.

8.20 Minghand Lidl Malta Ltd fir-rigward ta' proposta sabiex flimkien mal-Kunsill jigi offrut servizz ghall-klijenti Ghawdxin. Il-Kunsill ma accettax din il-proposta peress li tista' taffettwa hazin lin-negozji lokali.

8.21 Minghand Albert Genovese fir-rigward ta' kotba dwar korsijiet 2009/2010.

8.22 Minghand DJKS dwar servizzi ta' kera ta' PA System u ta' servizzi relatati ma' attivitajiet.

8.23 Minghand Michael Saliba fir-rigward ta' talba ghal donazzjoni b'risq il-Fondazzjoni Arka. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

8.24 Mill-Fondazzjoni Oasi fir-rigward taz-Zghazugh tas-Sena fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jinnomina zghazugh/a mil-lokalita' ghal dan il-premju. Fuq proposta ta' Manuel Muscat il-Kunsill qabel li jinnomina lil Adrian Formosa.

8.25 Mill-Kumitat tal-Kultura fir-rigward tal-Kalendarju Kulturali Online. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu uplowdjati id-dettalji tal-Kunsill kif mitlub.

8.26 Minghand Selma Gatt kwestjonarju dwar Ghawdex bhala Eco-Gzira liema kwestjonarji imtlew minn uhud mill-kunsilliera.

8.27 Minn KDM Insurance Brokers pakkett dwar l-assigurazzjoni tal-Kunsill.

8.28 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jigu ippublikati l-offerti tal-latrini pubblici ta' Pinu u ta' Triq Trux liema kuntratti ghalqu fl-ahhar ta' Lulju 2009.
Il-Kunsill qabel illi l-kuntratti ezistenti ghandhom jigu estizi sakemm jigu *awarded* il-kuntratti il-godda. Ghandha tigi ppublikata wkoll l-offerta ghas-servizz ta' 'open-skip' ta' nhar ta' Sibt u ghall-provvista ta' hardware.

8.29 Kwotazzjonijiet ghall-binding machine.
Il-Kunsill tratta il-kwotazzjonijiet migbura ghall-provvista ta' binding machine minghand Office Club, Smart Office u Kaiser Ltd. Il-Kunsill qabel li ghandha tinxtara binding machine minghand Office Club li ghandu xelta vasta u l-ohros prezzijiet.

8.30Is-Sindku spjega illi jinthieg li tinxtara printer gdida ghall-Kunsill peress li wahda mill-printers ma tissewwiex. Huwa ippropona illi l-Kunsill minflok ma jinvesti fix-xiri ta' kompjuters u printers godda ghall-Kunsill ghandu jikkunsidra il-possibilita' li jmur ghal sistema li jikri dan l-apparat kemm kompjuters kif ukoll printers. Gie spjegat illi din hija sistema li qed tintuza wkoll mill-Gvern Centrali. Il-Kunsill wara diskussjoni qabel li ghandha tinhareg offerta ghal dan is-servizz.

8.31Is-Sindku ppropona illi l-Kunsill ghandu jinvesti f'PABX system ghall-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament u ghandhom jingabu il-kwotazzjonijiet mehtiega.

Il-laqgha spiccat hin 8.45pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv